MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. REFALO JOSEPH S.

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 2532/2002

**M. Demajo (Wines & Spirits) Limited**

**vs**

**Golden Sands Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 t'Ottubru, 2002 fejn intalab il-hlas ta' seba' mija u tmienja u ghoxrin lira Maltija u sittax-il centezmu (Lm728.16), rapprezentanti prezz ta' merci mibjugha u kkunsenjata mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta;**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk taz-zewg ittri legali datati sitta (6) ta' Frar, 2002 u hamsa u ghoxrin (25) t'April, 2002, u bl-imghax legali sa l-effettiv pagament.**

**Ra li s-socjeta` konvenuta debitament notifikata baqghet ma dehritx u lanqas ma pprezentat risposta.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Vanessa Borg ghas-socjeta` attrici li kkonfermat li l-ammont mitlub ghadu dovut ghar-ragunijiet imsemmija fl-avviz. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' seba' mija u tmienja u ghoxrin lira Maltija u sittax-il centezmu (Lm728.16), bl-imghaxijiet legali li jibdew jiddekorru mill-21 t'Ottubru, 2002 sal-effettiv pagament.**

**L-ispjjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk taz-zewg ittri legali datati 6 ta' Frar, 2002, u 25 t'April, 2002, ghandhom jigu sopportati nterament mis-socjeta` konvenuta skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**Gudikatur**